**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 100/2019**

**AS (l-ilmentatur)**

**vs**

**GasanMamo Insurance Limited**

**(C3143) (il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-22 ta' Gunju 2020**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment**, fejn l-ilmentatur jissottometti li talba ghal kumpens li hu ghamel mal-provditur tas-servizz giet michuda ghar-raguni li meta hu ghamel l-assikurazzjoni tal-ivvjaggar, ghamilha ghax kien jaf li ommu kienet marida serjament.

L-ilmentatur stqarr li hu, flimkien mal-familja tieghu, kienu ser isiefru bejn l-10 u l-14 ta' Lulju 2019, u ghal dan il-vjagg xtara polza tal-assikurazzjoni tal-ivjaggar fl-24 ta' Gunju 2019.

Qal li ommu, li llum halliet din id-dinja, kienet iddahhlet l-isptar fit-2 ta' Gunju 2019, bi qtugh ta' nifs u, wara hafna investigazzjonijiet, irrizulta li kellha "*Diffuse large B lymphoma after being thoroughly investigated for persistent hypercalcemia.*"

Minkejja li wara dawn l-investigazzjonijiet intbaghtet lura d-dar, fid-29 ta' Gunju regghet iddahhlet l-isptar bi stat ta' konfuzjoni u, wara hafna investigazzjonijiet ohra, fit-2 ta' Lulju gie trasferita fl-isptar tal-Onkologija *Sir Anthony Mamo* u bdewlha l-kimoterapija.

L-ilmentatur sostna li wara li hadet l-ewwel dozi ta' terapija, sahhitha ddeterjorat f'daqqa tant li kellhom jaghmlulha l-Grizma tal-Morda, u anke li jumejn wara, t-tobba tal-*Haematology Ward* baghtu ghat-tfal kollha taghha sabiex jiddeciedu, f'kaz ta' kollass totali, jaghmlux *CPR* jew le, fejn fil-kundizzjoni li kienet, dawn iddecidew li ma jsir l-ebda *CPR*. Hu qal li f'dak l-istadju, kellu jhassar il-btala tieghu bil-familja.

L-ilmentatur qal li hu gie infurmat mill-provditur tas-servizz li ma kellu l-ebda dritt ghall-kumpens minhabba li qed jghidulu li meta hu ghamel l-assikurazzjoni, ghamilha ghax kien jaf li ommu marida serjament. Hu sostna li ikkancella l-btala tieghu bil-familja mhux ghax irrizulta li ommu kellha l-*Lymphoma,* izda ghax wara t-2 ta' Lulju, il-kundizzjoni ta' ommu iddeterjorat f'daqqa fejn, tant hu hekk, kien gie suggerit lilhom li jinfurmaw lil hutu li jghixu barra minn Malta.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jitlob sabiex jigi rimborzat mill-provditur tas-servizz ghall-ispejjez tieghu u tal-familja li kienu gew imhallsa. Dawn jammontaw ghal €2,300 f'akkommodazzjoni u €645 f'biljetti tal-ajru li minnhom izda ghandhom jigu mnaqqsa €267.49 f'taxxa li kien ircieva lura minghand l-*Air Malta*.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li jghid:**

Il-kronologija tal-fatti kif graw huma dawn:

| | |
|---|---|
| 12/10/2018 | Thallset id-*deposit* fuq il-btala (Doc JG1) minghajr ma nxtrat l-assigurazzjoni |
| 28/05/2019 | Thallas il-bilanc dovut (Doc JG2), izda l-assigurazzjoni baqghet ma nxtratx |
| 02/06/2019 | Omm l-ilmentatur iddahlet l-isptar tbati minn kundizzjoni serja |
| 18/06/2019 | Giet ikkonfermata li ommu kienet qieghda tbati mill-marda tal-*Lymphoma* |
| 24/06/2019 | L-ilmentatur u l-familja tieghu hargu l-polza tal-assigurazzjoni (Doc JG3) |

Bhala parti mill-process tal-*claim,* il-provditur tas-servizz talab lit-tabib, Dr Joseph Pace, biex jezamina l-*file* tal-isptar bil-permess t'omm l-ilmentatur (Kopja tar-rapport tieghu hu mehmuz – Doc JG 4).

Il-konsegwenzi li graw wara l-24 ta' Gunju 2019, u li wasslu biex tigi ikkancellata l-btala, kienu kollha relatati direttament mal-problemi medici li bdew ferm qabel ma nharget il-polza tal-assigurazzjoni u, b'hekk, il-*claim* ma gietx accettata.

Bhala parti mill-process tal-*claim,* it-tabib Dr Joseph Pace gie mitlub jezamina l-*file* tal-isptar, bil-permess t'omm l-ilmentatur.

Sostna li, il-konsegwenzi li graw wara l-24 ta' Gunju 2019 u li wasslu biex tigi ikkancellata l-btala, kienu kollha relatati direttament mal-problemi medici li bdew ferm qabel ma nharget il-polza tal-assigurazzjoni u b'hekk il-*claim* ma gietx accettata.

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Sema' ix-xhieda.**

**Jikkonsidra:**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz**.[1]

In-nuqqas ta' qbil bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz huwa dwar il-perjodu li fih giet mahruga l-polza tal-assikurazzjoni tal-ivjaggar u ghal xiex din giet proprju mahruga f'dan iz-zmien flimkien mar-raguni ghalfejn il-vjagg gie ikkancellat.

L-ilmentatur isostni li r-raguni ghalfejn hu ikkancella l-vjagg tieghu ma kienx minhabba li kien irrizulta li ommu kienet marida serjament, izda minhabba li sahhitha iddeterjorat wara li kellha tinghata l-*chemotherapy.*

Mill-banda l-ohra, il-provditur tas-servizz qed isostni li l-ilmentatur xtara din l-istess polza wara li kienet digà giet maghrufa l-kundizzjoni t'ommu u li hu kien infurmat b'dan kollu u, ghaldaqstant, il-konsegwenzi li wasslu biex jigi ikkancellat

[1] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

il-vjagg kienu kollha relatati ma’ problemi medici li bdew qabel ma giet mahruga l-polza.

**Il-Fatti tal-Kaz**

Fix-xhieda[2] tieghu, l-ilmentatur stqarr li ressaq l-ilment ghax qed jara ingustizzja. Qal li kien ser isiefer flimkien mal-familja tieghu bhala rigal tal-Milied lit-tfal tieghu, izda, imbaghad, ommu ddahhlet l-isptar bi qtugh ta’ nifs, saru l-investigazzjonijiet, u f’xi nofs Gunju irrizulta li kellha *Lymphoma* wara li kienu ittiehdu xi *CT scans*.

Hi intbaghtet lura z-*Zejtun Home* izda regghet iddahhlet l-isptar bi qtugh ta’ nifs u sabu li kellha l-livell tal-*calcium* gholi. Qal li meta saru jafu li kellha *Lymphoma*, fit-2 ta’ Lulju giet ittrasferita ghal *Sir Anthony Mamo* u fit-3 ta’ Lulju bdewlha l-kimoterapija fejn, f’gurnata wahda, tawha hames *shots.*

Stqarr li wara li hadet il-kimoterapija, ommu kkrollat f’daqqa tant li ghamlulha l-Grizma tal-Morda u t-tobba tal-*Unit* kienu laqqghu lill-ahwa kollha sabiex jiddeciedu, f’kaz li titlaq, jaghmlulhiex is-*CPR* jew le. L-ilmentatur sostna li kif ra hekk, peress li ommu kienet qed tmut, ikkancella l-vjagg, u dan m’ghamlux b’kapricc izda ghax ommu iddeterjorat f’dik il-gimgha li kellu jsiefer.

Mal-ilment tieghu, l-ilmentatur issottometta kopja tal-korrispondenza li hu kellu mal-provditur tas-servizz fejn dan tal-ahhar anke talbu, fost ohrajn, prova ta’ meta omm l-ilmentatur esperjenzat xi sintomi qabel ma kellha tiddahhal l-isptar u anke meta saru t-testijiet u eventwalment ir-rizultat taghhom.

L-ilmentatur ipprezenta kopja tad-dikjarazzjonijiet mahruga mill-*Haemotology Unit* tac-Centru tal-Onkologija Sir Anthony Mamo.

**Il-provditur tas-servizz** ressaq zewg xhieda – John Galdes, *Senior Manager, Personal & Commercial Claims,* u Dr Joseph Pace, it-tabib appuntat mill-istess provditur tas-servizz sabiex, bil-permess taghha, seta’ jezamina l-*file* t’omm l-ilmentatur.

Is-Sur Galdes sostna l-kronologija tad-dati li kienu digà gew indikati fir-risposta tal-provditur tas-servizz. Stqarr li meta wiehed jara d-dati jirrizulta li l-ewwel

---

[2] *A fol.* 119

thallas id-*deposit* fit-12 t'Ottubru 2018, minghajr ma nxtrat l-assikurazzjoni filwaqt li fit-28 ta' Mejju 2019 thallas il-bilanc izda l-assikurazzjoni baqghet ma nxtratx.

Kompla jghid li, imbaghad, fit-2 ta' Gunju 2019, omm l-ilmentatur iddahhlet l-isptar tbati minn kundizzjoni serja; fit-18 ta' Gunju 2019 gie ikkonfermat li kellha *Lymphoma,* u fl-24 ta' Gunju 2019, l-ilmentatur u l-familja tieghu hargu l-polza tal-assikurazzjoni.

Sostna li, allura, meta harget il-polza, kien digà hemm kundizzjoni serja hafna u, ghalhekk, isostni li l-familja kienet digà taf qabel ma nharget il-polza li kien hemm affarijiet serji, u kienet dik ir-raguni ghalfejn il-*claim* ma thallsitx.

Hu insista li:

*"... ir-raguni ghalfejn ma sifirx l-ilmentatur kienet digà tezisti, kien il-kaz tal-Lymphoma ...*

*... ir-raguni ghalfejn giet ikkancellata l-holiday kienet tezisti qabel inharget il-polza".*[3]

Dr Joseph Pace iddikjara li hu t-tabib konsulent tal-provditur tas-servizz fejn jaghti lil dan tal-ahhar pariri li ghandhom x'jaqsmu mal-aspett mediku.

Ix-xhieda tieghu taghti ftit aktar dettall minn dak indikat fir-rapport mediku tieghu stess li gie anke sottomess mal-ilment.

Hu stqarr li kien hareg rapport mediku[4] datat 28 t'Awwissu 2019, wara li gietipprezentata *claim* dwar il-kancellament tal-vjagg mill-ilmentatur.

Indika li f'dan l-istess rapport, fejn hemm il-*medical history,* l-ilmentatur kien digà pprezenta dokumenti medici dwar id-dijanjosi t'omm l-ilmentatur u, ghalhekk, din id-dijanjosi ma harighiex hu, izda hu dahal biss fis-sekwenza tal-affarijiet.

---

[3] *A fol.* 120
[4] *A fol.* 83

Hu rrapporta li omm l-ilmentatur kellha l-kundizzjoni tal-*Lymphoma* mill-2005, li izda, ghalkemm din il-kundizzjoni giet skoperta fl-2005, hi mietet fl-2019 u jidher li l-kura kienet hadmet fuqha.

Indika li fit-2 ta' Gunju 2019, iddahhlet l-isptar fejn kellha *pleural effusion*, li jfisser li kellha likwidu bejn il-pulmum u l-kustilji, u f'wahda mill-kustilji kellha *lesion*. Sar *CT scan* li juri aktar fid-dettall, fejn deheru hafna glandoli fiz-zaqq.

Iddecidew li kienet *recurrence* tal-*Lymphoma* u biex isir dijanjosi preciz, fit-18 ta' Gunju 2019, sar *x-ray guided biopsy,* u r-rizultat tal-*biopsy* hareg ukoll fit-18 ta' Gunju u gie ikkonfermat li hi *Lymphoma.*

Dr Pace stqarr li fid-*Discharge Note* hemm indikat li l-kaz gie diskuss mal-familja taghha u nfurmawhom bil-kundizzjoni taghha, filwaqt li ma sab l-ebda nota li t'omm l-ilmentatur kienet imminentement ser tmut.

**Konsiderazzjonijiet Ohra u Decizjoni**

**L-Arbitru jrid jasal ghall-konkluzjoni dwar l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli.[5]**

Mix-xhieda li kellu quddiemu u mid-dokumenti u evidenza sottomessa, l-Arbitru ghamel *timeline* ta' kif graw l-affarijiet:

| | |
|---|---|
| 2005 | Gie stabbilit li omm l-ilmentatur kellha l-kundizzjoni tal-*Lymphoma* |
| 12/10/2018 | Kopja tal-ircevuta[6] li tindika li giet imhallsa s-somma ta' €645.49 lill-*Air Malta*. Il-maggoranza tal-itinerarji[7] mahruga mill-*Air Malta* u li gewipprezentati mal-ilment, igibu ukoll din l-istess data (ghajr wahda datata 3 t'April 2019[8]) |
| 12/10/2018 | L-ilmentatur hallas[9] is-somma ta' €1,020 bhala depozitu tal-akkommodazzjoni |

[5] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[6] *A fol.* 37
[7] *A fol.* 39 - 44
[8] *A fol.* 38
[9] *A fol.* 32

| | |
|---|---|
| 28/05/2019 | L-ilmentatur hallas[10] €1,280 li kien il-kumplament tal-ammont dovut ghall-akkommodazzjoni |
| 02/06/2019 | Omm l-ilmentatur iddahhlet l-isptar |
| 15/06/2019 | Omm l-ilmentatur giet irrilaxxata mill-isptar |
| 18/06/2019 | Lill-omm l-ilmentatur sarilha *x-ray guided biopsy* u r-rizultat ta' din il-*biopsy* inhareg fl-istess gurnata fejn gie anke ikkonfermat li kellha *recurrence* tal-*Lymphoma* |
| 24/06/2019 | L-ilmentatur xtara l-polza tal-assigurazzjoni tal-ivvjaggar ghall-vjagg li kellu jsehh bejn l-10 u l-14 ta' Lulju. |
| 29/06/2019 | Omm l-ilmentatur iddahhlet l-Isptar *Mater Dei* ghal "*investigation of confusion, a pleural infusion and constipation*" fejn instab li kellha: *"Diffuse Large B cell lymphoma after being thoroughly investigated for persistent hypercalcemia and previously mentioned symptoms."*[11] |
| 02/07/2019 | Omm l-ilmentatur giet ammessa fil-*Haemotology Ward* fic-Centru tal-Onkologija Sir Anthony Mamo |
| 03/07/2019 | Omm l-ilmentatur bdiet is-sessjonijiet tal-kimoterapija |
| 08/07/2019 | Giet mahruga nota[12] mill-*Haematology Unit* tac-Centru tal-Onkologija Sir Anthony Mamo, fejn gie ddikjarat li f'dak iz-zmien, minhabba s-sitwazzjoni t'ommu, l-ilmentatur ma setax jitlaq minn Malta |

Qabel xejn wiehed irid jifhem x'inhu l-ghan ta' polza tal-assikurazzjoni tal-ivvjaggar. Din it-tip ta' polza ma tkoprix biss lill-persuni assikurati ghal dak il-perjodu li wiehed jinsab barra minn Malta, imma anke f'kaz ta' kancellament tal-vjagg bhalma hu dan il-kaz.

Dan ma jfissirx li din hija polza li toffri kopertura ghal kull eventwalità, jigri x'jigri, izda id-dokument tal-polza jindika specifikament ir-ragunijiet ghalxiex wiehed

[10] *A fol.* 33
[11] *A fol.* 28
[12] *A fol. 27*

jista' jikkancella l-vjagg li ghalihom hu kopert. Ghaldaqstant, dan ifisser li huwa krucjali li din it-tip ta' polza tinxtara hekk kif wiehed ihallas l-ewwel pagament relatat mal-vjagg tieghu.

L-ilmentatur kien ilu li bbukkja l-vjagg tieghu mal-familja minn Ottubru tal-2018, izda irrizulta li, ghal xi raguni jew ohra, ma xtarax polza tal-assikurazzjoni.

Bhal kull tip ta' polza ohra, polza tal-assikurazzjoni tal-ivvjaggar trid tittiehed fil-kuntest kollu taghha. Bhalma hemm il-kopertura, hemm ukoll l-eskluzjonijiet u anke l-kundizzjonijiet. Fil-fatt, fl-*Insurance Product Information Document*[13] li gie moghti lill-ilmentatur meta hu xtara l-polza in kwistjoni, u li anke issottometta mal-ilment, jghid bic-car li:

*"This is a summary of our insurance policy. You will find all the terms and conditions, along with other important information, online and in the policy document."*

Kundizzjoni specifika f'dan il-kaz li tapplika ghas-sezzjoni tal-polza li tittratta l-kancellament, proprju *Section E - Cancellation & Curtailment Charges,* u li fuqha giet irrifjutata l-*claim* imressqa mill-ilmentatur, kienet tghid:

*"At the time of applying for insurance the Insured must not be aware of any reason why the proposed holiday or journey should be cancelled or curtailed."*[14]

F'dan il-kaz, l-importanza qieghda fuq it-terminu "*at the time of applying for insurance"* u f'dak il-waqt l-assikurat ma jridx ikollu x'jifhem li l-vakanza u l-vjagg li jkun ser jaghmel jistghu jithassru.

Ghaldaqstant, huwa importanti ghall-Arbitru li jerga' jhares lejn it-*timeline* ta' kif graw l-affarijiet:

L-ewwel dikjarazzjoni mahruga mill-isptar datata 8 ta' Lulju 2019 tindika, fost ohrajn, li l-kundizzjoni t'omm l-ilmentatur ma kinitx wahda tajba u li *"In view of the sudden deterioration of his mother, Mr AS cannot leave Malta at this time."*[15]

[13] *A fol.* 68
[14] *A fol.* 103
[15] *A fol.* 27

Dikjarazzjonijiet oħra huma datati 11 ta' Lulju,[16] 3 t'Awwissu[17] u 10 t'Awwissu 2019,[18] fejn fi ftit kliem jindikaw iż-żmien meta omm l-ilmentatur ġiet ammessa fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija u, eventwalment, bdiet il-kimoterapija.

L-Arbitru jinnota li fl-ebda nota minn dawn u lanqas mill-ebda evidenza pprezentata mill-ilmentatur m'hemm indikat x'ġara wara li omm l-ilmentatur kienet ġiet rilaxxata l-ewwel darba mill-isptar fil-15 ta' Ġunju 2019.

Dr Pace ikkonferma li omm l-ilmentatur kienet l-isptar bejn it-2 u l-15 ta' Ġunju 2019. Minkejja li kienet digà saret referenza fir-rapport mediku pprezentat, fix-xhieda tiegħu ta spjegazzjoni dettaljata ta' x'ġara wara:

*"Fit-2 ta' Ġunju 2019, iddaħħlet l-isptar fejn kellha pleural effusion, li jfisser li kellha likwidu bejn il-pulmun u l-kustilji. U f'waħda mill-kustilji kellha lesion. Imbagħad, għamlu CT scan li juri aktar fid-dettall, fejn deheru ħafna glandoli fiż-żaqq u ddeċidew li kienet recurrence tal-Lymphoma. Biex isir dijanjosi preċiż, fit-18 ta' Ġunju 2019, sar x-ray guided biopsy u r-riżultat tal-biopsy ħareġ fit-18 ta' Ġunju stess u kkonfermaw li hi Lymphoma."*[19]

Din id-dikjarazzjoni ma ġiet fl-ebda ħin ikkontestata mill-ilmentatur.

Kif digà saret referenza aktar kmieni, minkejja li l-ilmentatur kien ilu li bbukkja l-vjaġġ tiegħu mal-familja minn Ottubru 2018, kien proprju fl-24 ta' Ġunju 2019 li hu xtara polza tal-assikurazzjoni tal-ivvjaġġar fir-rigward ta' dan l-istess vjaġġ.

F'waħda mill-komunikazzjonijiet li l-ilmentatur kellu ma' rappreżentanta tal-provditur tas-servizz, hu qal:

*"I did my insurance on the 24th June because holiday was approaching not because my mother was diagnosed with cancer as you are trying to insinuate."*[20]

Iżda hawn wieħed jistaqsi, għalfejn l-ilmentatur kien ħallas daqshekk flus għall-vakanza imma għażel li jixtri l-polza tal-assikurazzjoni biss ftit ġranet qabel hu u

---

[16] *A fol.* 28
[17] *A fol.* 29
[18] *A fol.* 30
[19] *A fol.* 121
[20] *A fol.* 14

familtu kellhom jitilqu minn Malta, u dan kien proprju wara li hareg ir-rizultat tal-*biopsy* t'omm l-ilmentatur?

Il-provditur tas-servizz qed jirrifjuta li jhallas il-*claim* a bazi ta' kundizzjoni fil-polza kkwotata aktar kmieni, fejn anke fil-korrispondenza finali li ntbaghtet lill-ilmentatur, intqal li:

*"In view of the fact that when the insurance policy was issued, Ms "S" was already diagnosed with Diffuse Large B cell lymphoma and you were notified immediately by her doctors of this unfortunate situation, we regret to inform you that we are unable to entertain your claim in this instance."*[21]

Fix-xhieda tieghu, John Galdes qal ukoll:

*"Allura, ahna qed nghidu li meta harget il-polza digà kien hemm kundizzjoni serja hafna. Ahna insostnu li l-familja kienet digà taf qabel ma nharget il-polza proprju li kien hemm affarijiet serji. Din kienet ir-raguni ghalfejn ahna ma hallasniex il-claim."*[22]

Fis-sottomissjonijiet finali tieghu, l-ilmentatur insista li:

*"Ghalkemm ommi sirna nafu li kellha Lymphoma fl-2005, hija kienet hadet il-kura u ma ddeterjoratx. Nghid li, allura, bl-istess argument li qed tghid l-assikurazzjoni, jien f'dawn il-hmistax-il sena stajt ma sifirt qatt."*[23]

Huwa minnu li, sfortunatament, omm l-ilmentatur rega' kellha kumplikazz-jonijiet b'kundizzjoni li kienet digà instabet fl-2005, izda l-Arbitru jhoss li din mhix kwistjoni ta' *pre-existing medical condition,* u li l-provditur tas-servizz seta' ma hallasx minhabba din ir-raguni, jigifieri il-kundizzjoni li kien ilha tbati biha mill-2005.

Kienu ghaddew is-snin, u din il-kundizzjoni kienet qed tigi ikkurata u kien ukoll ragonevoli li l-ilmentatur u l-familja tieghu jibqghu ghaddejjin b'hajjithom b'mod normali. Fl-ebda hin l-Arbitru ma jhoss jew jippretendi li l-ilmentatur ma setax ibbukkja vjagg f'dawn is-snin ghax ommu kienet ilha tbati b'xi haga mill-2005 u seta' jigrilha xi haga.

[21] *A fol.* 7
[22] *A fol.* 120
[23] *A fol.* 121

Izda, il-punt krucjali huwa d-data ta' meta inxtrat il-polza in kwistjoni.

Il-polza inxtrat fl-24 ta' Gunju 2019, **ftit jiem biss wara** li hareg ir-rizultat tal-*biopsy.* Ghalkemm jidher li omm l-ilmentatur ma kinitx tinstab l-isptar dak iz-zmien, probabbli l-ilmentatur, li kien anke jahdem bhala *Senior Staff Nurse* go *Health Centre*, kien jaf x'kien mistenni wara dak ir-rizultat.

Huwa ta' importanza kbira li wiehed izomm f'mohhu li punt krucjali fl-assikurazzjoni hu li din tkoprik ghal xi haga li hija *sudden and unforeseen* li, f'dan il-kaz, tkoprik ghal kancellament tal-vjagg meta r-raguni, li fuq kollox hija mnizzla fil-polza, tkun xi haga ta' malajr u mhux prevista. Ma jistax jinghad li ma setax jigi previst li l-vjagg seta' jithassar meta wiehed iqis li ftit granet qabel ma l-ilmentatur xtara l-polza hareg ir-rizultat tal-*biopsy* li kien dak li kien.

L-Arbitru jhoss li l-ilmentatur ibbukkja l-vjagg u l-akkommodazzjoni ghalih u ghall-familja tieghu minghajr ma xtara polza tal-assikurazzjoni u ghamel il-polza wara li hargu r-rizultati tat-testijiet ftit granet wara b'rizultanzi serji li wassluh jiddubita jekk is-safra setghetx tithassar.

Dan ifisser li meta l-ilmentatur applika ghall-polza tal-assikurazzjoni, hu kien digà jaf li seta' jkun hemm raguni li hu u l-familja tieghu ikollhom jikkancellaw il-vjagg u, ghalhekk, dan imur kontra l-kundizzjoni imposta fil-polza tal-assikurazzjoni tal-ivvjaggar 'il fuq imsemmija.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija f'din id-decizjoni, l-Arbitru ma jistax jilqa' dan l-ilment.

Minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**